KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2016

| IL-ĦAMES SENA | IR-RELIĠJON | IL-ĦIN: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

L-Isem u l-kunjom: ____________________ Il-Klassi: ________

| Marka Totali |
|---|
| ______ |
| 100 |

## TAQSIMA A : ALLA JAGĦTINA T-TALENTI

**A. Agħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba. (6 marki)**

1. It-talenti jgħinuni ngħix aħjar meta ( ma nagħtix kashom, nużahom sew, nwarrabhom ).

2. Persuna bil-għaqal taħdem biex ( tiskopri, tinsa, tieħu ) t-talenti.

3. Fi xjuħitu Abram kellu iben li semmieh (Aaron, Mosè, Iżakk ).

4. Il-kapaċitajiet tiegħi jgħinuni ( niekol, nitgħallem, nirrabja ).

5. Il-mara t'Abram kien jisimha ( Sara, Marija, Rut ).

6. Jien għandi ( napprezza, nmaqdar, ma nagħtix kas ) t-talenti tal-oħrajn.



**B. Ikteb Veru jew Falz maġenb kull sentenza. (5 marki)**

1. Alla qal lil Abram biex jissagrifika lil Iżakk. ___________
2. Il-kapaċitajiet huma għajnuna speċjali li tani Alla. ___________
3. Rut u Samwel kienu żewġ persuni fl-Antik Testment li kellhom fidi kbira f' Alla. ___________
4. Samwel kien joqgħod ma qassis jismu Aaron. ___________
5. Rut kienet tfajla minn post jismu Nazaret. ___________

**Ċ. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. (5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Aaron** | **il-ġenituri** | **Michael** | **Elimelek** | **Fargħun** |



1. Il-___________________ ma riedx lill-poplu Lhudi joħroġ mill-Eġittu.
2. Ħu Mose kien jismu ___________________.
3. ___________________jgħinuni niżviluppa t-talenti tiegħi.
4. Samwel u ___________________ kienu jgħixu fit-tempju.
5. L-isem propjru ta' Martin Luther King kien ________________.

**D. Kompli dawn is-sentenzi . (4 marki)**

1. L-aktar ħaġa li nammira f'Martin Luther King hija ____________ ________________________________________________________.

2. Mosè kellu ħafna diffikultajiet. Waħda minnhom kienet ________________________________________________________ imma hu ______________________________________________ ,

## TAQSIMA B: ALLA JAĦDEM FL-ISTORJA T'ARTNA

**A. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. (5 marki)**



1. Eżekjel kien wieħed mill-p___________________.

2. Dun Mikiel Xerri mar jistudja fl-Università tal-B___________________.

3. Sar tibdil kbir fil-Knisja permezz tal-K___________________ Vatikan it-Tieni.

4. David, bħala żagħżugħ, kien jirgħa n- n___________________.

5. Il-Papa Ġwanni XXIII kien ġej minn familja tal-b_______________.

**B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B. (5 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġannina Cutajar | | ngħidulhom salmi. |
| 2 | Dun Mikiel Xerri huwa | | twieled l-Italja. |
| 3 | Alla wera lil Eżekjel | | kienet tmexxi il-Mużew tal-bniet. |
| 4 | Il-Papa Ġwanni XXIII | | wied mimli għadam. |
| 5 | Il-poeżiji li kiteb David | | patrijot għax miet għal pajjiżu. |

**Ċ. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. (5 marki)**

Mario kien fuq tiegħu u kien iħobb jiċċajta ħafna. Darba waqqa' għaċ-ċajt lil Kyle, tifel kwiet u mistħi li kien iħobb joqgħod waħdu. Kyle ma qal xejn lill-għalliema tiegħu u meta darba Mario nesa l-ikel warajh offrielu tiegħu.



1. X'għamel ħażin Mario?

______________________________________________

2. Kif taħseb li ħassu Kyle?

______________________________________________

3. Taħseb li kienet diffiċli għal Kyle li jaqsam l-ikel ma' Mario? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

D. **Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** **(5 marki)**

1. Bħala mexxej, David kien:
    a) maħbub ħafna.
    b) traskurat f'xogħlu.
    ċ) kiefer ħafna.




2. Il-Papa Ġwanni XXIII kien ta' spiss iżur:
    a) lill-istudenti.
    b) lill-ħabsin.
    ċ) lix-xjuħ.

3. Alla għażel lil Eżekjel biex:
    a) jiġġieled mal-poplu Lhudi.
    b) iwassal il-messaġġi tiegħu lill-poplu Lhudi.
    ċ) jagħmel il-mirakli.

4. Persuna tkun eroj għax:
    a) tidħak b' ta' madwarha.
    b) turini kif għandi nigdeb.
    ċ) turini t-triq ta' kif għandi nimxi fil-ħajja.

5. Ġannina Cutajar kellha
    a) kuraġġ kbir.
    b) ħafna biżgħa
    ċ) ferħ u hena.

## TAQSIMA C: NIEĦDU ĦSIEB XULXIN

**A.Min Jien? Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi. (6 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Ċesari | Pietru | Ġużeppi | Iċ-ċenturju Ruman | Mara mir-razza tal-Kananin | Fariżew |



1. Tlabt lil Ġesù biex ifejjaqli lit-tifla. ________________________
2. Tlabt lil Ġesù biex ifejjaqli lill-qaddej tiegħi . ________________________
3. Inkwetajt ħafna meta ma stajtx nsib lil Ġesù. ________________________
4. Jien smajt minn Ġesù u tfajt ix-xbiek in-naħa l-oħra tad-dgħajsa. ______________________________
5. Saqsejt mistoqsijiet lil Ġesù biex inġarrbu. __________________
6. Kont l-imperatur tal-Lhud fi żmien Ġesù. ___________________

**B. Ikteb Veru jew Falz maġenb kull sentenza. (8 marki)**

1. L-għorrief stagħġbu bil-għerf li kellu Ġesù. ___________
2. Is-sitwazzjoni tal-Lhud taħt ir-Rumani kienet tajba. ___________
3. Ġesù kien għalliem tajjeb. ___________
4. Pietru qal lil Ġesù li kienu ilhom lejl sħiħ jistadu bla ma qabdu xejn. ___________
5. Alla jieħu ħsieb biss tal-bnedmin. ___________
6. Il-mara mir-razza tal-Kananin kellha fidi kbira f' Ġesù. _________
7. L-ubbidjenza tgħinna napprezzaw lil min hu fl-awtorita. _________
8. Lil dawk li ma jogħġbuniex nistgħu nwarrbuhom. ___________

**Ċ. Wieġeb fil-qosor.** **(6 marki)**

1. Agħti eżempju kif int tista' tkun ubbidjenti. (marka)

______________________________________________

______________________________________________

2. Semmi persuna fil-ħajja tiegħek u għid għaliex jistħoqilha rispett. (2marki)

______________________________________________

______________________________________________

3a. X'kienet l-ikbar kwalita li Ġesù ammira fiċ-Ċenturjun? (marka)

______________________________________________

3b. Kif inti, bħala nisrani, tista turi din il-kwalita' f'ħajtek? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

## TAQSIMA D: JITWIELED GĦALINA

**A. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** **(4 marki)**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1 | San Ġużepp | | ikun hemm l-għaqda. |
| 2 | Is-sultan Erodi | | żammet lill-Bambin sħun fl-għar ta' Betlem. |
| 3 | Fejn ikun hemm ir-rispett | | wassal lill-Madonna sa Betlem. |
| 4 | Il-ħmara | | ried joqtol lil Ġesù. |

**B. Agħmel sinjal taħt it-tajba.** **(5 marki)**

1. ( Ir-rgħajja, Is-slaten magi, L-anġli ) kienu l-ewwel nies li semgħu bit-twelid ta' Ġesù u marru jarawh.

2. Il-gwerra tal-1914 kienet bejn is-suldati Ingliżi u ( Taljani, Ġermaniżi, Spanjoli ).

3. L-anġlu t'Alla ħabbar lil ( Marija, Rut, Eliżabetta ) u hija saret omm mill-Ispirtu s-Santu.

4. Il-gwerer iġibu l-ġlied u (l-paċi, l-firda, l-ġid ).

5. Fl-1914, nhar il-Milied is-suldati ddeċidew li ( jiġġieldu aktar, jieqfu mill-ġlied, jmorru lura lejn pajjiżhom ).



**C. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. (5 marki)**



1. Il-Milied iġib hena u p__________________ kullimkien.

2. Il-Bambin fil-p__________________ jurina l-veru Milied.

3. Il-k__________________ inaqqas l-importanza tal-Milied.

4. Il-Bambin twieled f'għar ġewwa B__________________.

5. L-anġlu t'Alla deher lir-r__________________ u tahom l-aħbar li twieled Ġesù .

**D. Wieġeb fil-qosor. (6 marki)**

1. Kif tista' ġġib il-paċi ma' ta' madwarek?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

2. Fiex tħoss li għandek timitaha lil Marija?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

3. Liema pastur tixtieq li kont fl-għar ta' Betlem? Għaliex?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## TAQSIMA E: IL-ĦBIEB TAGĦNA

**A. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi. (6 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| teżor | jgħallimna | umli |
| tat-tfal | Tikkundannawx | grazzi |

1. Ġesù qalilna li biex nidħlu fis-saltna t'Alla qalbna trid tkun bħal ________________.

2. Li tkun ___________________ tfisser li għandek tqis lilek innifsek daqs ħaddieħor.

3. Ġesù qalilna '___________________ u ma tkunux ikkundannati.'

4. Għandi dejjem ngħid '___________________' lil kull min jgħinni.

5. Ġesù kien lest li ___________________ kif għandna nġibu ruħna.

6. Il-Bibbja tgħidilna li min isib ħabib veru jkun sab _____________ .

**B. Imla l-vojt. L-ewwel ittra qiegħda tingħatalek bħala għajnuna. (5 marki)**

Imbagħad P_________________ resaq lejn Ġesù u qallu, "M_________________ xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex n_________________? Sa s_________________ darbiet?" "Ma ngħidlekx sa seba' darbiet," wieġbu Ġesù,"'imma sa sebgħa u s_________________ darba."

## Ċ. Aqta' linja taħt it-tajba (4 marki)

1. Ħbieb ta' vera
a) jgħinuk meta tkun fil-bżonn.
b) jitilquk f'mumenti diffiċli.
ċ) jgħidu fuqek minn wara dahrek.



2. Parabbola hija
a) storja tad-daħk.
b) storja b'tagħlima.
ċ) leġġenda.

3. Meta Ġesù fejjaq lill-għaxar lebbrużi
a) disgħa marru lura.
b) tnejn biss marru lura.
ċ) wieħed biss mar lura.

4. Ġesù qal lil Pietru li jista' jaħfer lil ħuh:
a) sa ħames darbiet.
b) sa sebgħa u sebgħin darba.
ċ) darba biss.

D. **Wieġeb fil-qosor.** **(5 marki)**

1. Semmi persuna waħda li int turi l-apprezzament tiegħek lejha.

_______________________________________________________________

2. Agħti żewġ eżempji ta' meta int tgħid 'grazzi' fil-ħajja tiegħek.

a)_____________________________________________________________

_______________________________________________________________

b)_____________________________________________________________

_______________________________________________________________

3 . Semmi żewġ eżempji ta' kif int tista' tkun ħabib/a ta' vera.

a)_____________________________________________________________

_______________________________________________________________

b)_____________________________________________________________

_______________________________________________________________

# TMIEM IL-KARTA

